32002L0066

20.7.2002 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 192/47

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/66/KE

## tas-16 ta' Lulju ta' l-2002

## li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE f'dak li jirrigwarda l-iffissar ta' livelli massimi għar-residwi ta' persticidi ġewwa u fuq il-frott u l-ħaxix, iċ-ċereali, l-oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali u ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi frott u ħxejjex rispettivament

**(Test b'relevanza ŻEE)**

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru ta' l-1976 li jirrigwarda l-iffissar ta' livelli massimi għall-fdalijiet ta' persticidi fi u fuq frott u ħxejjex ([1]), kif l-aħħar emendat permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/82/KE ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l- 24 ta' Lulju ta' l-1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għall-fdalijiet ta' pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali ([3]), kif l-aħħar emendat permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/42/KE ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju ta' l-1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għall-fdalijiet ta' persticidi fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali ([5]), kif l-aħħar emendat permezz tad-Direttiva 2002/42/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru ta' l-1990 dwar l-ifissar ta' livelli massimi għall-fdalijiet ta' pestiċidi fi u fuq prodotti ta' oriġini mill-pjanti, inkluż frott u ħxejjex ([6]), kif l-aħħar emendat permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/42/KE, u b'mod partikolari l-Artikoku 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-każ ta' ċireali u prodotti ta' oriġini tal-pjanti inklużi l-frott u l-ħxejjex, livelli tal-fdalijiet għandhom jirriflettu l-użu tal-kwantitajiet minimi ta' pestiċidi meħtieġa biex jakkwistaw protezzjoni effettiva għall-pjanti, applikati b'tali mod li l-ammont ta' fdalijiet huma kemm baxxi kif ukoll prattikabbli u aċċettati tossikoloġikament, fir-rigward ta', u b'mod partikolari għall-protezzjoni ta' l-ambjent u l-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi fit-termini ta' l-estimi ta' dħul dietetiku tal-konsumaturi. Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel ta' l-oriġini ta' l-annimali, livelli ta' fdalijiet għandhom jirriflettu l-konsum minn l-annimali ta' ċereali u prodotti ta' oriġini tal-pjanti li huma trattati bil-pestiċidi u, meta relevanti, il-konsegwenzi diretti ta' l-użu ta' mediċini veterinarji. Il-livelli massimi ta' fdalijiet tal-Komunità (MRL) jirrappreżentaw il-limitu l-aktar għoli ta' l-ammonti ta' dawk il-fdalijiet li jistgħu jkunu misjuba f'komoditajiet meta prassi tajba agrikoli jkunu ġew irrispettati mill-produtturi.

(2) L-MRL għall-pestiċidi għandhom jinżammu taħt reviżjoni u l-livelli jistgħu jkunu mibdula sabiex jittieħed akkont ta' l-informazzjoni u d-dettalji l-ġodda. L-MRL għandhom ikunu ffisati fil-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika meta ma jkunx hemmx użu awtorizzat.

(3) Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kienu ttieħdu sabiex ma jinkludux is-sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Ġunju ta' l-1991 dwar it-tqegħid tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fuq is-suq ([7]), kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/48/KE ([8]) għal: *lindane* (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/801/KE) ([9]), *quintozene* (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/816/KE) ([10]), *permethrin* (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/817/KE) ([11]), *zineb* (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/245/KE) ([12]) u *parathion* (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/520/KE) ([13]). Dawn id-Deċiżjonijiet kellhom provvediment li l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li għandhom sustanzi attivi ma għandhomx ikunu awtorizzati aktar għall-użu fil-Komunità. Huwa għalhekk meħtieġ li jkunu miżjuda l-fdalijiet tal-pestiċidi li joriġinaw mill-użu ta' dawn il-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti għall-Annessi għad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE li jippermettu sorveljanza sewwa u kontroll tal-projbizzjoni ta' l-użu tagħhom u sabiex jipproteġu l-konsumatur. La darba mhux possibbli li jkun hemm diskriminazzjoni fil-monitoraġġ ta' rutina bejn iż-*zineb* u d-*dithiocarbamates* l-oħra, mhux possibbli li jkunu stabbiliti l-MRL għaż-zineb. Sabiex jippermettu l-istennijiet leġittimi biex ikunu mwettqa għall-ħażniet eżistenti tal-pesticdi li jkunu użati, id-Deċiżjonijiet ta' nuqqas ta' inklużjoni tal-Kummissjoni jippermettu perjodu għal biex jinħlew, u huwa xieraq li l-MRL premissibbli dwar l-idea li l-użu tas-sustanza kkonċernata ma jkunx awtorizzat fil-Komunità, ma għandhomx ikunu applikabbli sa l-aħħar tal-perjodu sa kemm jinħlew li japplika għal dik is-sustanza.

([1]) ĠU L 340, 9.12.1976, p. 26.
([2]) ĠU L 3, 6.1.2001, p. 18.
([3]) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37.
([4]) ĠU L 134, 22.5.2002, p. 29.
([5]) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 43.
([6]) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71.

([7]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([8]) ĠU L 148, 6.6.2002, p. 19.
([9]) ĠU L 324, 21.12.2000, p. 42.
([10]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 112.
([11]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 114.
([12]) ĠU L 88, 28.3.2001, p. 19.
([13]) ĠU L 187, 10.7.2001, p. 47.

(4) Il-livelli massimi tal-fdalijiet ġew preċedentement iffissati fir-rigward ta' *lindane* u *parathion* għal xi komoditajiet, fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE (kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 82/528/KEE) ([1]), iżda din id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu MRL iktar għolja. Sabiex ikunu stabbiliti l-livelli massimi armonizzati ta' fdalijiet tal-pestiċidi għall-*lindane* u l-*parathion* fi u fuq frott u ħxejjex fil-livell tal-Komunità huwa meħtieġ li jkunu inklużi dawn l-MRL milli fid-Direttiva 90/642/KEE. Aktar minn hekk, l-MRL għandhom ikunu emendati biex jirriflettu l-awtorizzazzjonijiet fil-livell tal-Komunità.

(5) Il-livelli massimi ta' fdalijiet tal-Komunità u l-livelli rakkomandati mill-Codex Alimentarius huma ffissati u evalwati b'segwiment ta' proċeduri simili. Hemm numru limitat ta' limiti ta' fdalijiet massimi ta' Codex għal-*lindane*, l-*quintozene*, il-*permethrin* u l-*parathion*. Dawn kienu ġew ikkunsidrati fl-istabbiliment tal-livelli massimi tal-fdalijiet iffissati f'din id-Direttiva. Il-Codex MRL li għandhom ikunu rakkomandati għall-irtirar fil-futur qarib ma kienux ġew meqjusa. Il-Codex MRL għal-*lindane* 0,1 mg/kg (bajd) u 0,7 mg/kg (laħam tat-tjur) huma EMRL (limiti ta' fdalijiet estranji) (extraneous residue limits). Dawn l-MRL mhumiex stabbiliti f'livell li jistgħu jirriżultaw mill-użu preżenti tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti, imma jieħdu akkont tal-fatt li l-użu ta' dawn is-sustanzi fil-passat ħallew fdalijiet li jistgħu jkunu kkunsidrati bħala kontaminati. L-MRL ibbażati fuq il-Codex MRL li kienu ġew evalwati fid-dawl tar-riskji għall-konsumaturi, l-ebda riskju ma ġie stabbilit meta jsir użu mill-punti tossikoloġiċi tat-tmiem ibbażati fuq l-istudji disponibbli għall-Kummissjoni. L-ADI għal-*lindane* hija 0,001 mg/kg bw/ġurnata (JMPR 1997), l-ebda doża ta' referenza akuta ma hija kkunsidrata bħala meħtieġa, l-ADI għal *parathion* hija 0,004 mg/kg bw/ġurnata (JMPR 1995), l-ARfD hija 0,01 mg/kg bw/ġurnata (JMPR 1995), l-ADI għal *permethrin* hija 0,05 mg/kg bw/ġurnata (JMPR 1999), l-ebda ARfD ma hija kkunsidrata bħala meħtieġa, l-ADI għal *quintozene* hija 0,01 mg/kg bw/ġurnata (JMPR 1995), l-ebda ARfD ma hija kkunsidrata meħtieġa.

(6) Il-Komunità nnotifikat l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni lejn l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti li waslu kienu ġew ikkunsidrati fil-finalizzar tad-Direttiva. L-MRL għal pestiċidi speċifiċi/kumbinazzjonijiet ta' uċuħ użati fil-pajjiżi terzi jistgħu jkunu eżaminati mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-informazzjoni aċċettabbli mibgħuta ([2]).

(7) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE id-dħul li jirrigward il-*lindane* u l-*parathion* għandhom ikunu mħassra.

*Artikolu 2*

Fil-lista fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE d-dħul f'dak li jirrigwarda l-fdalijiet tal-pestiċidi segwenti għandhom ikunu miżjuda:

| Fdalijiet ta' pestiċida | livell massimu (mg/kg) |
|---|---|
| "Lindane | 0,01 (*) ċereali |
| Quintozene (is-somma ta' quintozene, u pentachloro-aniline espresss bħala quintozene) | 0,02 (*) ċereali |
| Permethrin (is-somma ta' isomers) | 0,05 (*) ċereali |
| Parathion | 0,05 (*) ċereali |

(*) Jindika l-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika."

*Artikolu 3*

Dħul fir-rigward tal-fdalijiet tal-pestiċidi segwenti għandhom ikunu miżjuda fil-lista fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

([1]) ĠU L 234, 9.8.1982, p. 1.

([2]) Noti ta' gwida dwar it-tolleranzi ta' l-importazzjoni - Dokument 7169/VI/99 rev. 1.

| Fdalijiet ta' pestiċida | Livell massimu (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Ta' xaħam misjub fil-laħam, preparazzjonijiet tal-laħam, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali | Għal ħalib tal-baqar mhux ittrattat u krema intiera tal-ħalib tal-baqar elenkat fl-Anness 1 | Ta' bajd frisk mingħajr qoxra, fil-bajd ta' l-għasafar u isfar tal-bajd elenkati fl-Anness 1 fi ħdan il-kodiċi NM 0407 00 u 0408 (iii) (iv) |
| "Lindane | Laħam tat-tjur 0,7 (1)<br>Oħrajn 0,02 (2) | 0,001 (*) | 0,1 (*) |
| Quintozene | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,01 (*) |
| Parathion | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |

(1) Dawn l-MRL huma bbażati fuq il-Codex MRL (limiti ta' fdalijiet estraneji) u ma jirriżultawx mill-użu tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.
(2) Ibbażat fuq l-informazzjoni tal-monitoraġġ.
(*) Jindika limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika."

*Artikolu 4*

Fil-tabella fl-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE, id-dħul għall-fdailijiet ta' pestiċidi kif stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva għandhom ikunu miżjuda jew immodifikati.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Novembru 2002 l-aktar tard: Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

2. Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2002 għal-*lindane, quintozene* u *permethrin* u mill-1 ta' Mejju 2003 għall-parathion.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 16 Lulju 2002.

*Għall-Kummissjoni*
David BYRNE
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali | Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Lindane | Quintozene (l-għadd ta' | Permethrin | Parathion |
| 1. **Frott, frisk, mqadda jew ngħejjin, ippreservati bil- friża, li ma għandux żieda ta' zokkor: ġewż** | 0,01 (*) | 0,02 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| (i) FROTT TAĊ-ĊITRU | | | | |
| Tronġ (grapefruit) | | | | |
| Lumi | | | | |
| Lumiċell | | | | |
| Mandolini (inclużi klementini u ibridi oħrajn) | | | | |
| Larinġ | | | | |
| Pomelos | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (ii) LEWŻ MINN SIĠAR (imqaxxar jew mhux imqaxxar) | | | | |
| Ġewż | | | | |
| Lewż | | | | |
| Ġewż tal-Brażil | | | | |
| Ġewż tal-cashew | | | | |
| Qastan | | | | |
| Ġewż ta' l-Indi | | | | |
| Ġellewż | | | | |
| Makadamia | | | | |
| Pekans | | | | |
| Lewż ta' l-arżnu | | | | |
| Pistaċċi | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (iii) FROTT TAL-POMÈ | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Tuffieħ | | | | |
| Lanġas | | | | |
| Sfarġel | | | | |
| (iv) FROTT TA' L-GĦADAM | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Berquq | | | | |
| Ċirasa | | | | |
| Ħawħ (inkluż nektarini u ibridi simili) | | | | |
| Għambaqar | | | | |
| (v) KUKKU U FROTT ŻGĦIR | | | | |
| (a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid | | | | |
| Għeneb tal-mejda | | | | |
| Għeneb ta' l-inbid | | | | |
| (b) Frawli (mhux selvaġġ) | | | | |
| (c) Frott tal-kannamieli (mhux selvaġġ) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Ċawsli | | | | |
| Dewberries | | | | |
| Loganberries | | | | |
| Lampone | | | | |

| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali | Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Lindane | Quintozene (l-għadd ta' | Permethrin | Parathion |
| (d) Frott żgħir ieħor u kukku (mhux selvaġġ) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Qerqnin (bilberries) | | | | |
| Cranberries | | | | |
| Passulina (ħamra, sewda, bajda) | | | | |
| Gooseberries | | | | |
| (e) Kukku selvaġġ u frott selvaġġ | | | | |
| (vi) MIXXELLANJI | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Avokado | | | | |
| Banana | | | | |
| Tamal | | | | |
| Tin | | | | |
| Kiwi | | | | |
| Kumkwats | | | | |
| Litchis | | | | |
| Mangoes | | | | |
| Żebbuġ | | | | |
| Frott tal-pasjoni | | | | |
| Ananas | | | | |
| Rummien | | | | |
| 2. **Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżati jew imqadded** | 0,01 (*) | 0,02 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| (i) ĦAXIX TA' L-GĦERUQ U TUBERI | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Pitravi | | | | |
| Karrotti | | | | |
| Krafes ħoxnin | | | | |
| L-għerq tal-mustarda | | | | |
| Artiċokk | | | | |
| Zfunnarija | | | | |
| Għeruq tat-tursin | | | | |
| Ravanell abjad | | | | |
| Salsafja | | | | |
| Patata ħelwa | | | | |
| Rapa svediża | | | | |
| Nevew | | | | |
| Jamm | | | | |
| (ii) ĦAXIX TAL-BASLA | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Tewm | | | | |
| Basal | | | | |
| Basal abjad | | | | |
| Kurrad | | | | |
| (iii) ĦAXIX LI JAGĦMEL IL-FROTT | | | | |
| (a) Solanacea | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Tadam | | | | |
| Bżar | | | | |
| Brunġiel | | | | |

| Gruppi u eżempji ta’ prodotti individwali | Fdalijiet ta’ pestiċidi u livell ta’ fdalijiet massimi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Lindane | Quintozene (l-għadd ta’ | Permethrin | Parathion |
| (b) Il-qoxra li tittiekel tal-Cucurbits | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Ħjar | | | | |
| Ħjar żgħir | | | | |
| Qarabali | | | | |
| (ċ) Il-qoxra li ma tittikielx tal-Cucurbits | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Bettieħ | | | | |
| Lbieba tal-qara’ | | | | |
| Dulliegħ | | | | |
| (d) Qamħirrum ħelu | | | | |
| (iv) ĦAXIX MIR-RAZZA TAL-KABOĊĊI U N-NEVEW | | | | |
| (a) Ħaxix mir-razza tal-kaboċċi u n-nevew li tagħmel il-fjuri | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Brokkoli | | | | |
| Pastard | | | | |
| (b) Ir-ras tal-ħaxix mir-razza tal-kaboċċi | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Brussel sprouts | | | | |
| Ir-ras tal-kaboċċa | | | | |
| (ċ) Tip tal-kaboċċi mwerqa | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Kaboċċa Ċiniża | | | | |
| Kale | | | | |
| (d) Kohlrab i | | | | |
| (v) ĦAXIX BIL-WERAQ U ĦXEJJEX AROMATIĊI FRISKI | | | | |
| (a) Ħassa u simili | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Krexxun | | | | |
| Ħass tal-ħaruf | | | | |
| Ħass | | | | |
| Scarole (indivja b’weraq wesgħin) | | | | |
| (b) Spinaċi u simili | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| spinaċi | | | | |
| Weraq ta’ xitla tal-pitravi (l-ispeċi fl-ġeneru Salvelinus) (chard) | | | | |
| (ċ) Ħass ta’ l-ilma (Nasturtium officinale) | | | | |
| (d) Witloof | | | | |
| (e) Ħxejjex aromatiċi | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Maxxita | | | | |
| Kurrat selvaġġ | | | | |
| Tursin | | | | |
| Weraq tal-krafes | | | | |
| (vi) ĦAXIX TAL-LEGUMI (friski) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Fażola (bil-miżwet) | | | | |
| Fażola (bla miżwet) | | | | |
| Piżelli (bil-miżwet) | | | | |
| Piżelli (bla miżwet) | | | | |

| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali | Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Lindane | Quintozene (l-għadd ta' | Permethrin | Parathion |
| (vii) ĦAXIX BIZ-ZOKK (friski) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| Asparagus | | | | |
| Cardoons | | | | |
| Krafes | | | | |
| Bużbież | | | | |
| Qaqoċċ | | | | |
| Kurrat | | | | |
| Rabarbru | | | | |
| (viii) FUNGI (FAQQIEGĦ) | | | | |
| (a) faqqiegħ ikkultivat | | | | |
| (b) faqqiegħ selvaġġ | | | | |
| 3. **Ħaxix ta' l-imwieżet** | 0,01 (*) | 0,02 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| Oħrajn | | | | |
| Fażola | | | | |
| Għads | | | | |
| Piżelli | | | | |
| 4. **Żrieragħ taż-żejt** | 0,01 (*) | | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| Oħrajn | | | | |
| Żejt tal-kittien | | 0,05 ([1]) | | |
| Karawett | | | | |
| Żerriegħa tal-pepprin | | | | |
| Ġulġliel | | | | |
| Żerriegħa tal-ġirasol | | | | |
| Żeriegħa tar-rapa | | | | |
| Fażola tas-sojja | | | | |
| Żerriegħa tal-mustarda | | | | |
| Żerriegħa tal-qoton | | 0,02 (*) | | |
| 5. **Patata** | 0,01 (*) | 0,02 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| Patata bikrija | | | | |
| Patati taż-żergħa | | | | |
| 6. **Te'** (weraq u zkuk, niexfa, iffermentati jew oħrajn, ta' *Camellia sinensis*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) | 0,1 (*) |
| 7. **Il-Ħops** (niexef), inkluż boċċi tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) | 0,1 (*) |

(*) Jindika limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.
([1]) Jindika li l-MRL huwa bbażat fuq il-Codex MRL.